

# Trevor Zahra ir-Raġel Żejtuni Marbut mal-Letteratura

Is-Sur Christopher Chetcuti
Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi

Trevor Zahra twieled iż-Żejtun fis-16 ta' Diċembru 1947; bin Walter u Ġuża nee Caruana. Trevor huwa t-tielet minn erba aħwa. Huwa studja fl-iskola Sekondarja Teknika ta' Raħal Ġdid u s-Sitt Klassi fil-Liċeo. Fl-1966 daħal jaħdem għal żmien qasir mal-istazzjon tat-TV lokali, bħala script writer. Kien ukoll jipproduċi programmi għat-tfal u jagħmel xogħol ta' Presentation Officer. Fl-1967 daħal il-Kulleġġ tal-Għalliema fejn wara kors ta' sentejn beda jgħallem il-Malti u l-Arti fl-iskejjel sekondarji. Illum huwa jinsab irtirat wara karriera ta 33 sena.

Trevor iżżewweġ lil Stella nee Agius fl-1971 u kellhom żewġt itfal; Ruben u Marija. Stella mietet fl-1989 u llum Trevor huwa armel. Ta' età żgħira beda jinteressa ruħu fil-kitba u l-Arti. Ippublika l-ewwel poeżiji tiegħu f'The Children's Own, fil-ġurnal il-Berqa u f'għadd ta' rivisti. Bejn is-seba' u dsatax –il sena kien membru tal-Azzjoni Kattolika taż-Żejtun, fejn bħala tifel kien attiv ħafna fil-palk, jirreċta, ipinġi x-xenarju u jikteb il-fares, idoqq fi gruppi ta' mużika pop kif ukoll kien jeditja rivista ċkejkna bejn il-membri. Fost l-ewwel kitba tiegħu li għad fadal minn dan il-perjodu nsibu 'Il-Praspar ta' Kunċett u Marinton' li bosta minnhom Zahra kitibhom meta kien fir-raba' sena tal-iskola sekondarja.

Fl-1971 ippublika l-ewwel ktieb tiegħu, 'Il-Pulena tad-Deheb'. Dan il-ktieb kiseb suċċess immedjat u Zahra minnufih inxteħet fil-qasam tal-kitba għat-tfal b'impenn kbir. Iżda






huwa qatt ma waqaf mill-kitba adulta. Fl-1972 ippublika l-ġabra ta' poeżiji 'Eden'. Fl-1973 ippublika l-ewwel rumanz tiegħu 'Is-Surmast', rumanz li għoxrin sena wara Zahra adattah għall-palk. Fl-1974, ippublika r-rumanz 'Taħt il-Werqa tal-Palm' li kien rebaħ l-ewwel premju f'konkors imniedi mill-Klabb Kotba Maltin. Minn dak iż-żmien 'l hawn Zahra baqa' jippublika simultanjament kemm kotba għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Zahra ppublika l-ewwel workbooks f'Malta għat-tfal għat-tagħlim tal-Malti. Il-kotba tiegħu, bejn kotba ċkejknin għat-tfal iż-żgħar, traduzzjonijiet kif ukoll letteratura għall-kbar llum ilaħħqu 'l fuq minn mija u tletin.

Zahra huwa rebbieħ ta' bosta premjijiet letterarji prestiġjużi; biżejjed insemmu li għal 13–il darba kellu kotba rebbieħa fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. F'Diċembru 2004, l-E.T. il-President ta' Malta iddekorah bil-midalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu b'riżq il-letteratura għat-tfal. F'Ottubru 2008, huwa rebaħ it-taqsima "Arti u Divertiment" tal-Johnnie Walker Man of the Year.

Zahra kiteb ukoll diversi xogħlijiet għall-palk, kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Id-dramm tiegħu 'Is-Surmast' (ibbażat fuq ir-rumanz fl-




istess isem) ittella' fit-teatru Manoel fl-1994 u fl-1995 kif ukoll fit-Teatru tal-Universita fl-2009. Id-dramm 'Ħanut tal-Ħelu', ittella wkoll fit-Teatru Manoel fl-Università fl-2008.

Missier Trevor, Walter Zahra kien għal bosta snin membru prominenti fil-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda Banda Żejtun. Hadem ħafna għall-ftuħ tat-Teatru Pandora u serva bħala Viċi-President bejn l-1968 u l-1975. Mill-1976 kien Viċi-President Onorarju. Għalhekk ma jistax jonqos li Trevor ukoll jagħti kontribut lejn l-Għaqda permezz tal-ħila letterarja tiegħu. Huwa kiteb il-lirika għall-Għanja taż-Żejtun li l-kompożitur Carmelo Pace ħejja għall-Banda Żejtun. Kiteb ukoll il-lirika għall-innu Sta. Katarina V.M. tas-surmast Joseph M. Barbara u l-innu lil Sta. Katerina V.M. li s-surmast John J. Pace addatta mill-mużika antifonali tà Carlo Diacono.




Ikseb tagħrif dwar
it-tagħlim tal-mużika
billi tikkuntatja:
21677178

cherryblossom
confectionery
Triq Alfred Cachia Żammit Street, Żejtun